MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 14/2011

Kawza fil-lista: 13

**P B**
**vs**
**C F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Settembru 2000, u f'dan iz-zwieg twieled tifel; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u [f] tal-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li jigi awtorizzat jirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenuta ma ntavolatx risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fid-9 ta' Settembru 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Min-naha taghha l-konvenuta ma ntavolat l-ebda risposta.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Settembru 2000 meta allura l-partijiet kellhom circa 26 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien madwar disa' (9) snin. Minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed.

L-attur jghid li huwa dejjem hass li l-konvenuta ma kienetx thobbu u tistmah, tant li "gieli anki nterrompejt l-att f'nofs ghax kont inhossni ma kienx hemm imhabba vera"[1]. Dan ikkonfermatu anke l-konvenuta meta tghid "Jiena mal-mama kont tkellimt qabel iz-zwieg li jien lil P ma kontx inhobbu u ma ridtx inqatta' l-kumplament ta' hajti mieghu. Kont ghidtilha dina il-haga iktar minn darba wahda"[2] L-attur jsostni li martu kienet tahdem hafna u anke b'*shifts* bil-lejl u ghalhekk ma kienux jiltaqghu hafna[3]. Dan ix-xoghol kollu ma kienx ta' bzonn ghall-partijiet peress li kienu f'qaghda finanzjarja komda. L-attur ipprova jidra s-sitwazzjoni li l-mara ma riedetx titlaq b'xejn mix-xoghol pero "hekk ma stajtx nibqa' nghix, dak ma kienx zwieg, u

[1] Vide a fol. 14.
[2] Vide a fol 46.
[3] Vide a fol. 15, 21, 40.

kont inhossni bla mara"[4]. Wara xi zmien l-attur issuspetta li kien hemm terza persuna u l-attur jghid li "bil-flus tieghi kienet tixtri hwejjeg lil gharus taghha waqt iz-zwieg taghna"[5]. Il-konvenuta jidher li ghadha tghix mal-istess ragel li kellha relazzjoni mieghu u ser ikollhom tarbija, mentri mill-attur hija ma rieditx aktar tfal ghax ma kienetx thobbu[6].

L-attur issostni li l-konvenuta baqghet mieghu peress li kienet tibza' minn missierha ghax hija dejjem riedet titlaq, fil-fatt kompla jispjega kif missierha dejjem kien ihobb jimponi u juza' vjolenza[7]. Huwa jiddeskrivi kif missier il-konvenuta riedha bilfors tibqa' mal-attur tant li kien hemm incident li refgha idu fuqha minhabba f'hekk. Din l-insistenza tal-missier, hija l-fehma tal-attur li kien minhabba l-fatt li l-istess attur kien fi stat finanzjarju tajjeb. Wara dan l-incident il-konvenuta nbidlet xi ftit u kien hemm li twieled it-tifel. Il-konvenuta tghid ukoll li meta kienet tghid lill-ommha li ma rieditx tibqa' mal-attur ommha kienet tghidilha "ara x'se jaghmilli missierek", hija tkompli tghid li ommha "kienet tehodhom bi kbar hafna u jien biex ma naqlax problemi kont nibqa' ma P... ma xtaqtx nizzewgu u ghalkemm ma kellix l-ideat cari f'mohhi jien ghidt: nibqa' ma' P imbaghad wara z-zwieg nara"[8].

Il-konvenuta jidher li kienet dipressa anke qabel ma zzewgu l-partijiet u l-attur jghid li kien hadha ghand psikolgu[9]. Illi mic-certifikat mediku jidher li l-konvenuta kienet tbati minn dippressjoni fil-perijodu ta' bejn l-1998 u s-sena 2000[10]. Fil-fatt il-konvenuta tghid li "qabel izzewwigt kien bhal tani genn biex jien nitlaq lil P u kont ghidt lill-mummy li issa kont deciza. Il-mummy kienet tibkili u tghidli: se taghmilli. U jien tant qisni inkwetajt ghal dan kollu li kont anke mort ghand it-tabib biex jaghtini xi

[4] Vide a fol 22.
[5] Vide a fol. 23, 39, 40.
[6] Vide a fol. 24, 26.
[7] Vide a fol. 16 et seq, 23, 24, 34, 36.
[8] Vide a fol 46.
[9] Vide a fol. 21.
[10] Vide a fol. 43.

haga halli nqum fuq tieghi ghax kelli bhal stress u dwejjaq kbar... dina l-kura damet sal-mument li jien izzewwigt”[11].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f’dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenuta l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-artikolu precitat, stante li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg minghajr m’gharrfet l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li kienet inkapaci tghix mal-konvenut, allura zewgha, f’unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni tat-tfal u t-trobbija taghhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet tal-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tal-attur, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta’ Settembru 2000.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------

[11] Vide a fol. 46.